MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 461/2002/2

**Martin Ciappara**

**v.**

**Moira Ciappara**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ Moira Ciappara tas-7 ta’ April, 2005;

Rat id-digriet preliminari taghha tat-12 ta’ April 2005 u 27 ta’ April 2005; rat ir-risposta ta’ l-intimat tat-18 ta’ April 2005;

Semghet lill-partijiet bil-gurament fl-udjenza tal-lum, kif ukoll lid-difensuri taghhom;

Kwantu ghall-pregudizzjali sollevata mill-intimat u cioe` li l-ligi ma tikkontemplax l-ezekuzzjoni provvizorja ta' parti minn sentenza, din il-Qorti tosserva li ma hemm xejn fil-ligi josta kontra tali ezekuzzjoni provvizorja parzjali;

Kwantu ghall-meritu tar-rikors, peress li din il-Qorti hi sodisfatta li jezistu r-rekwiziti kontemplati fis-subartikolu (7) ta' l-Artikolu 266 tal-Kap. 12, tipprovdi dwar it-talba fir-rikors billi tordna l-ezekuzzjoni provvizorja ta' dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-24 ta' Frar 2005 fl-ismijiet premessi fejn ordnat li l-kontendenti ghandhom jghixu separatament u li Martin Ciappara kellu johrog mid-dar konjugali fi zmien xahar mill-24 ta' Frar 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------